# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Josef Zammit**

**Dione Degabriele**

**Eric Charles Camilleri**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Josef Zammit ID 88371M, Dione Degabriele ID 488078M u Eric Charles Camilleri ID 459594M** li permezz tagħhom huma ġew akkużati talli fis-6 t'April 2011 u diversi xhur qabel fil-fond Union Band Club li jinsab fi Triq Ħal-Luqa, Ħal-Luqa u f'dawn il-gżejjer (in suċċint): -

1. Immanifatturajtu, immontajtu, sewwejtu jew wettaqtu manutenzjoni; qghedtu fis-suq, iddistribwixxejtu, fornejtu, bihejtu krejtu jew trasferixxejtu; ghamiltu disponibbli ghall-uzu, ilqajtu ghandkom jew

operajtu xi apparat rilevanti ghal-loghob, meta intom ma kelkomx licenzja valida mahruga mill-Awtorita' kif stabbilit fl-ewwel skeda. SL 438.07 Reg3(1)
2. Ukoll talli fl-istess ċirkostanzi xjentement ippermettejtu l-użu ta' dan il-post bil-għan ta' operazzjoni, promozzjoni, bejgħ jew il-logħob ta' xi logħoba, bi ksur ta' xi disposizzjoni tal-Att imsemmi jew ta' dawk magħmulin taħtu jew bi ksur ta' xi kundizzjoni imposta f'liċenzja maħruġa taħt dan l-Att jew bi ksur ta' xi direttiva jew Awtorita skont ma hemm f'dan l-Att;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi tordna li l-imsemmija persuni sabiex f'dak li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-artikolu 533 tal-kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta tordna l-konfiska tal-oġġetti u l-flus eżibiti.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tordna r-revoka tal-liċenza maħruġa fuq il-fond "Union Band Club" kif ukoll liċenzi oħra li l-imputati jista' jkollhom fuq isimhom.

Rat l-atti u d-dokumenti eżibiti, inkluż is-sanzjoni tal-Avukat Ġenerali;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Fiż-żmien inkriminat, fil-ħanut ġestit mill-imputati hawn fuq imsemmi, waqt spezzjoni magħmula mill-Pulizija u Spetturi tal-Awtorita Maltija Dwar il-Logħob ġiet misjuba makna "five in line". Fil-ħin tal-ispezzjoni il-makna ma kienetx operanti u ma kien hemm ħadd jilgħabha. Din ġiet elevata mill-Pulizija u meħuda l-Għassa ta' Ħal-Luqa.

Il-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat bi ksur tal-Artikoli 7(1) u 70(1) tal-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta jippreskrivi illi : -

> Ħadd ma għandu jimmanifattura, jimmonta, isewwi, iwettaq manutenzjoni fuq, iqiegħed fis-suq, jiddistribwixxi, iforni, ibiegħ, jikri, jittrasferixxi, jagħmel disponibbli għall-użu, jilqa' għandu jew jopera xi **<u>apparat rilevanti għal-logħob</u>**, jew xi parti jew partijiet minnu, jekk kemm-il darba dik il-persuna ma jkollhiex liċenza valida għal dan l-iskop maħruġa mill-Awtorità jew kemm-il darba dik il-persuna ma tkunx eżenti minn dik il-ħtieġa ta' liċenza dwar dak l-apparat rilevanti għal-logħob jew dik l-attività skont regolamenti magħmulin taħt dan l-Att.

Il-Prosekuzzjoni trid qabel xejn tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li din il-makna kienet apparat rilevanti għall-logħob fil-parametri imsemmija fl-Artikolu 2 tal-Kap 438 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll li l-imputati ma kienux liċenzati li jagħmlu xi attivita ta' logħob f'Malta, jew li ma kienux eżenti minn dik il-ħtieġa ta' liċenza dwar apparti rilevanti għall-logħob.

Fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, il-frażi operattiva hija "apparat rilevanti għall-logħob", li tfisser : -

> apparat elettriku, elettroniku jew mekkaniku li jintuża jew ikun maħsub biex jintuża f'dak li għandu x'jaqsam mal-operazzjoni, l-promozzjoni jew il-bejgħ ta' xi logħba u, jew fil-logħob.

"Logħba" u "logħob" huma mfissra hekk :-

> tfisser u tinkludi, ħlief għall-finijiet tat-tifsiriet ta' "makna għal-logħob tad-divertiment" u "logħba tad-divertiment" f'dan is-subartikolu, logħba tal-ażżard u logħba tal-ażżard u abbiltà, imma ma tinkludix (i) ġrajja ta' sport, għalkemm tinkludi mħatra dwar l-isport u kull logħba tal-ażżard u logħba tal-ażżard uabbiltà oħra li l-operazzjoni jew il-logħob tagħha jkun jiddependiminn ġrajja ta' sport jew minn sett ta' ġrajjiet ta' sport jew ir-riżultat jew riżultanza ta' dawn u (ii) logħba tad-divertiment.

Logħba għalhekk tinkludi logħba tal-ażżard u logħba tal-ażżard u abbilita, iżda ma tinkludix logħba tad-divertiment fis-sens ta' "makna għal-logħob tad-divertiment" u "logħba tad-divertiment". Dan ifisser li "makna għal-logħob tad-divertiment" u "logħba tad-divertiment" huma

esklużi mit-tifsira ta' "logħba". Filwaqt li "Logħba tad-divertiment" tfisser "logħba li tintlagħab permezz ta' makna għal-logħob tad-divertiment", "makna għal-logħob tad-divertiment" tfisser : -

> kull tip ta' makna, sew jekk din titħaddem elettrikament, elettronikament, mekkanikament, manwalment jew xort'oħra, li tintuża għall-fini li jintlagħbu logħbiet esklużivament għal skopijiet ta' divertiment umhux għal skopijiet ta' logħob tal-ażżard, u li titħaddem permezz tat-tfigħ fil-makna ta' xi munita jew ta' token ta' makna għal-logħob tad-divertiment u li meta din tkun qiegħda titħaddem ġugatur li jirbaħ la jirċievi u lanqas ma jiġi offrut ebda benefiċċjiħlief l-opportunità, jekk ikun hemm, li tagħtih l-azzjoni awtomatika tal-makna li jerġa' jilgħab il-logħba mingħajr il-ħtieġa li jerġa' jitfa' l-flus jew tokens ta' makna għal-logħob.

Fil-fehma tal-Qorti għalhekk jekk il-makna misjuba f'dan il-każ hija makna għal-logħob tad-divertiment, allura din ma taqax taħt il-parametri tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta u li fuqha tistrieħ l-ewwel imputazzjoni. Sabiex il-Qorti tkun tista' tasal għall-konklużjoni tagħha jekk hix makna għal-logħob tad-divertiment teħtieġ mhux biss tadopera l-interpretazzjoni tagħha tad-dritt in disamina dwar in-natura teknika tal-logħba in kwistjoni daqskemm tistrieħ fuq l-informazzjoni dwar l-użu li jkun qiegħed isir bihom minn dak li jirriżultalha mill-atti. Jiġifieri dak li l-Qorti teħtieġ li tiddependi l-ġudizzju tagħha fuqu f'dan il-każ hija d-determinazzjoni fattwali kemm tan-natura tal-logħoba kif ukoll tal-użu li jkun qed isir minnha. Dawn huma kwistjonijiet ta' fatt li, għalkemm iridu jiġu pruvati da parti tal-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, sabiex jiġu determinati sew jista' jkun li fil-każijiet kongruwi, ikun ukoll meħtieġ

ċerta għarfien tekniku. Dan għaliex daqskemm makna setgħet kienet qegħda tipprovdi logħob tal-ażżard jew logħob tal-ażżard u abilita (anke jekk fil-forma indiretta tagħhom – ara f'dan is-sens is-sentenza ***Il-Pulizija vs. Maria Louisa Carbonaro*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Novembru 2004) setgħet ukoll kienet makna tal-logħob għad-divertiment jew makna għall-logħob tad-divertiment bi premju. L-aspett tekniku u dak fattwali tal-użu tal-istess makna jmorru flimkien.

F'dan il-każ, stando mal-provi prodotti, jirriżulta li l-magna tal-logħob in kwistjoni kienet taħdem elettronikament, kienet tieħu l-flus biex taħdem (muniti ta' żewġ euro) u li meta tintlagħab ma kienetx tagħti flus jew premju ieħor, iżda minn dak l-ammont ta' flus li wieħed kien jiħallas biex tintlagħab, il-ġugatur kien jieħu għadd determinat ta' logħob li jonqoslu ma' kull logħoba milgħuba sakemm jispiċċa l-kreditu li jkollu u biex jilgħab ikollu jerġa jħallas il-flus.

Minn dawn il-provi din il-Qorti tista' tikkonkludi li l-makna meritu ta' dan il-każ taqa' fit-tifsira ta' makna għall-logħob tad-divertiment, u dan qed jingħad ukoll għaliex ma nġabux provi oħra li jistgħu soddisfaċentement juru li din il-makna kienet użata bħala makna li kienet tintuża bħala makna tal-logħob tal-ażżard jew makna tal-logħob tal-ażżard jew abbilta' jew li almenu b'xi mod kienet makna li taqa' taħt

it-tifsira ta' "apparat rilevanti għall-logħob" kif imsemmi fl-Artikolu 2 u 7(1) tal-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dan għandu impatt qawwi fuq din il-kawża in kwantu l-Prosekuzzjoni addebitat lill-imputat ir-reat imnissel mill-artikolu 7(1) tal-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta hawn fuq ċitat u mhux l-artikolu 7(3) tal-istess liġi, li huwa mmirat li jolqot makna tal-logħob għad-divertiment jew makna tal-logħob u divertiment bi premju taħt ir-reġim tal-liċenzjar. Fil-fatt l-Artikolu 7(3) tal-istess liġi jgħid : -

> Ħadd m'għandu jimmanifattura, jimmonta, iqiegħed fis-suq, jiddistribwixxi, iforni, ibiegħ, jikri, jittrasferixxi, jagħmeldisponibbli għall-użu, jilqa' għandu jew jopera xi makna għal-logħob tad-divertiment jew makna għal-logħob tad-divertiment bipremju, jew xi parti jew partijiet minnhom, kemm-il darba dik il-persuna ma jkollhiex liċenza valida għal dan l-iskop maħruġa mill-Awtorità jew kemm-il darba dik il-persuna ma tkunx eżentata minndik il-ħtieġa ta' liċenza dwar dik il-makna għal-logħob tad-divertiment jew dik il-makna għal-logħob tad-divertiment bi premju jew dik l-attività skont regolamenti magħmulin taħt dan l-Att.

Dan ifisser għalhekk li l-fatti pruvati ma jikkostitwux ir-reat ipotizzat fil-komparixxi u din il-Qorti għalhekk ma tistax issib lill-imputati ħatja tal-ewwel imputazzjoni.

L-istess provi joħolqu wkoll problema fir-rigward tat-tieni imputazzjoni imsejsa fuq l-Artikolu 70 tal-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta li tgħid : -

> Kull min xjentement jippermetti l-użu ta' xi post bil-għan tal-operazzjoni, il-promozzjoni, il-bejgħ jew il-logħob ta' xi logħba bi ksur ta' xi disposizzjoni ta' dan l-Att jew ta' regolamenti magħmulin taħtu jew bi ksur ta' xi

kondizzjoni imposta f'liċenza maħruġa taħt dan l-Att jew bi ksur ta' xi direttiva maħruġa mill-Awtorità skont ma hemm f'dan l-Att jew ta' regolamenti magħmulin taħtu jew bil-għan ta' ħżin ta' apparat rilevanti għal-logħob manifatturat, immuntat, mqiegħed fis-suq, iddistribwit, fornit, mibjugħ, mikri, trasferit, magħmul disponibbli għall-użu, milqugħ minn ħaddieħor jew operat bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 7 jew bi ksur tal-kondizzjonijiet imposti fil-liċenza maħruġa skont dak l-artikolu 7 jew bil-għan li jsiru l-manifattura, l-immuntar, it-tiswija, jew il-manutenzjoni ta' apparat rilevanti għal-logħob bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 7 jew bi ksur tal-kondizzjonijiet imposti fil-liċenza maħruġa skont ma hemm f'dak l-artikolu 7, jew li xjentement jipprevjeni lil xi Uffiċjal tal-Pulizija li jkun leġittimament awtorizzat jidħol ġo kull post suspettat li jkun qed jintuża kif hawn qabel imsemmi, milli jidħol ġo dak il-post jew ġo xi parti minnu, jew jostruwixxi jew idewwem lil xi uffiċjal bħal dak milli jkun jista' jidħol, jew b'xi firroll, stanga jew tagħmir ieħor jagħlaq xi bieb intern jew estern jew xi mezz ta' aċċess għal kull post bħal dak jew parti minn dak il-post, jew inkella juża xi mezz jew tagħmir ikun li jkun għall-fini li jipprevjeni, jostakola jew idewwem id-dħul ta' tali uffiċjal ġo xi post bħal dak jew ġo xi parti minn dak il-post jew biex jagħti allarm jew preavviż fil-każ ta' xi dħul bħal dak, ikun ħati ta' reat kontra dan l-Att.

Għal darb'oħra il-kliem operattiv rilevanti għal dan l-Artikolu huma "logħoba" u "apparat rilevanti għall-logħob", li kif diġa aktar il-fuq espost, ma jinkludix fil-parametri tiegħu "makni għal-logħob tad-divertiment" jew "makni għal-logħob tad-divertiment bi premju". Fil-fehma tal-Qorti għalhekk anke dan l-Artikolu ma hux dak applikabbli għall-fatti pruvati f'dan il-każ.

# DECIDE : -

Li wara li rat l-Artikoli 7(1) u 70(1) tal-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta, stante li l-fatti pruvati f'dan il-każ ma jikkostitwux ir-reati kontestati lill-imputati, il-Qorti qegħda ssib lill-imputati mhux ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom u għalhekk tilliberahom minn kull ħtija u piena.

***Mogħtija illum il-11 t'Ottubru 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***